Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 2 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1328/99

Dr. John J. Cassar ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Jos.Vincenti & Co. Ltd

Vs

Raymond Borg ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-ditta Country Raworth Furniture

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur nomine fil-kwalita' premessa tieghu talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsa u sittin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm265.82c) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali dekoribbli b'effett mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sal-pagament effettiv, bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi ghalkemm il-konvenut deher fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2000 biex jikkontesta t-talba attrici u baqa' ma pprezentax in-nota tal-eccezzjonijiet formali u ma pprezentax ebda provi in kontestazzjoni ghall-dawk prodotti mill-kumpanija attrici.

Ghaldaqstant mill-provi prodotti mill-kumpanija attrici senjatament

id-deposizzjoni ta' Edwina Vassallo u mid-dokumenti esebiti; it-talba attrici tirrizulta gusitifikata u timmerita konferma; u ghaldaqstant wara li rat ukoll id-dokumenti esebiti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma mitluba ta' mitejn u hamsa u sittin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm265.82c) ghar-ragunijiet kollha ndikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-27 ta' Jannar 1999 .

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia                                                Magistrat
Dep/Reg